# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 2431

Każ numru 3082/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

Paul Farrugia
(ID 354060M)
u
Corinthia Palace Hotel Company Limited
(C257)

dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta

**Chairman: James Henry Pearsall**

**Illum l-Erbgha 27 ta' Lulju 2016**

1. **Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota ta' rikors ppreżentata minn Paul Farrugia - Reġistru tal-Qorti Superjuri nhar it-8 ta' Novembru 2012 fejn sostna li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu ma kienetx għal raġuni valida skont l-ATT tal-2003 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. (Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta)

Min-naħa tas-soċjetà intimata, f'dikjarazzjoni li għamlet, datata 28 ta' Novembru 2012, ċaħdet bil-qawwa l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrent bħala infondati. It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-każ kif ppreżentati miż-żewġ partijiet, żamm hmistax-il seduta, sema' x-xhieda mressqa miż-żewġ naħat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa inkonsiderazzjoni l-argumenti kif ippreżentati fit-trattazzjoni finali.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-liġi minħabba numru ta' diferimenti mitluba miz-zewg partijiet kif ukoll minhabba ċirkustanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

**2. Ir-rappreżentanza:**

**2.1** Paul Farrugia, li minn issa 'l quddiem ser jissejjaħ ir-rikorrent kien megħjun mill-Avv: Joanne Vella Cuschieri kif ukoll minn Avv: Abigail Critien mghejjuna minn Kevin Camilleri segretarju tat-taqsima koncernata tal GWU.

**2.2**I Corinthia Palace Hotel Co. Ltd, li minn issa 'l quddiem ser tissejjaħ is-soċjetà intimata, kienet irrappreżentata mill-Avv: Karl Briffa.

**3. Il-fatti tal-każ fil-qosor:**

Ir-rikorrent beda l-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata fil-14 ta' Gunju 1993 fil-kariga ta' Kitchen Porter 'fuq bażi' *fulltime* u fuq kuntratt indefinit.
Fit- 23 ta' Awissu 2012 ir-rikorrenti kellu jersaq quddiem bord tad-dixxiplina minhabba akkuzi maghmula minnhu fuq il-Head Chef Ismael Sammut.
Qabel dan il-bord ir-rikorrent kien diga inghata kemm twissja verbali u ohra bil-miktub, bid-dati rispettivi tat 2 ta' Marzu 2007 u 24 ta' Mejju 2011. Dawn it-twissijiet kien relattati ma' attitudni u imgieba hazina fuq il-post tax-xoghol.

Ir-rikorrent kien iqis bhala dover li jaghmel rapport lis-superjuri tieghu li allegatament il-Head Chef kien qieghed jisraq. Gara il-fatt li filwaqt li l-allegati akkuzi gew ghall-bidu kkoraborati minn terzi persuni, li huma haddiema ta' l-istess socjeta, dawn il-haddiema bidlu il-verzjoni taghhom, b'rizultat ta' dan ir-rikorrent gie akkuzat b'allegazzjonijiet foloz kontra superjur tieghi (Head Chef), u wara li instab hati minn bord tad-dixxiplina is-socjeta intimata itterminatlu l-impieg.

**4. Il-lista ta' xhieda:**

**4.1** Xhieda mressqa mir-rikorrent (Lista annessa mar-rikors tar-rikorrent)
**4.2** Xhieda mressqa mis-socjeta intimata (Lista annessa mar risposta tas-socjeta intimata)

**5. Il-lista ta' dokumenti:**

**5.1** Ġew ippreżentati numru ta' dokumenti minn naħa tar-rikorrenti immarkati Doc A;PF 1sa 15 u Doc B kif ukoll kopja mibghuta mis-socjeta intimata li tinforma lir-rikorrent bit-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu fit- 23 ta' Mejju 2013.
**5.2** Gew ipprezentati numru ta dokumenti minn naha tas-socjeta intimata immarkati CG1 sa CG 23.

**6. Ġabra fil-qosor tax-xhieda:**

**J.P.Mifsud** manager ikkonferma li l-affidavit tar-rikorrent kien rigward Ismael Sammut (Seduta 8 ta' Novembru 2013).
Xehed ukoll li "___________kien inwissi fil bidu illi jekk l-allegazzjonijet mhux ha jkunu minnhom, mela allura l-passi ha jigu kontrih____________".
Ghall mistoqsija **mill- Avv. A. Critien** "U naqblu illi gie mitlub jitkellem dwar l-allegazzjonijiet illi hu kellu jaghmel fuq Ismael?"
**J.P.Mifsud** irrisponda "Iva" (Seduta 8 ta' Novembru 2013 pagna 15).

**Italico Rota General manager.** Fix-xhieda tieghu ikkonferma il-fatti kif saru min meta bdew l-allegazzjonijiet mir-rikorrent fuq Ismael Sammut, u li kif ir-rikorrent ipprezenta l-affidavit lilhu,ha il-passi sabiex isiru l-investigazzjonijiet mehtiega, Wara ix-xhieda moghtija minn impjegati imsemmija fl-affidavit irrizulta li ma instabu l-ebda provi dwar l-allegazzjonijiet maghmula fuq Ismael Sammut.
Ghalhekk l-istess General manager kellu jiehu passi dixxiplinarji kontra ir-rikorrent li wasslu ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu. (Seduta 12 ta'Gunju 2013 pagna 8-20).

**Kevin Camilleri Segretarju tal GWU.** "Il-complainta tal-haddiema fil-konfront ta' Ismael kienu minn dejjem". Mistoqsi mill- **Avv K.Briffa** "Imma mhux fuq serq?"
**Kevin Camilleri "** Le, li kien hemm pika".(Seduta 25 ta' Frar 2015 pagna 22)

**Carl Galea Executive Asst.** " Ismael Sammut it-terminazzjoni tieghu giet through resignation ____".
" Kien hemm mil-proceduri dixxiplinarji issa nghid car u tond li serq ma kien hemml-ebda kaz ta' serq".
(seduta 25 ta' Frar 2015 pagna 26)

**Mr.D.Woodward** Fix-xhieda tieghu dwar it-terminazzjoni ta' l-impieg tac-Chef Ismael Sammut
" Overall I mean the issue of his departure was caused by his mismanagement of the kitchen overall ___________" (Seduta 6 ta' Mejju 2015 pagna 2)
" The theft allegation I'm not aware of that, I'm aware of the misperformance of himself as manager of a kitchen." (pagna 7).
Ghall mistoqsija mic-Chairman fir-rigward ta' costings zejda relattati max-xiri ta' oggetti tal-konsum
**Mr.D.Woodward** irrisponda "__________________I couldn't apply any form of direct impression of that because stock takings were correct".

7. **Is-sinteżi tat-trattazzjoni tal-każ:**
**L-Avv Karl Briffa** ghas-socjeta intimata beda billi qal li ir-rikorrent diga kellu final warning qabel ma gie itterminat l-impieg tieghu (CG21 a fol 82), kif ukoll verbal warning mill-HR K.Galea minhabba nuqqasijiet fid-doveri tieghu.
L-Avv K. Briffa spjega li wara struzzjonijiet mill-kumpanija sabiex tizdied is-sigurta fuq id-dhul u l-hrug tan-nies mill-post tax-xoghol, ir-rikorrent allega li din l-azzjoni kienet immirata specifikament ghalih fuq struzzjonijiet tac-Chef Ismael. Wara dawn l-avvenimenti ir-rikorrent beda sensiela ta'

allegazzjonijiet li ic-Chef qieghed jisraq, tali allegazzjonijiet li wasslu li is-socjeta intimata kellha tiehu il-passi necessarji sabiex tipprotegi impjegat f'senior position fil-kumpanija , kif ukoll ghaliex ir-rikorrent allega li is-socjeta mhux qed tiehu l-allegazzjonijet tieghu bis-serjeta. L-Avv. irrimarka li l-attegjament tar-rikorrent kien wiehed ta' tpattija ,minhabba li kif intqal qabel ic-Chef kien qabad mar-rikorrent.

L-Avv Karl Briffa spjega li wara lis-socjeta intimata hadet il-passi necessarji, billi talbet lir-rikorrent jaghmel affidavit, kif ukoll ghamlet l-investigazzjonijiet interni, dan wassal sabiex ir-rikorrent jigi mghoddi bord ta' dixxiplina, li mexa skond il-proceduri (Seduta 25-02-2011, pagna 13). Irrizulta, lir-rikorrent ma kellux provi bizzejjed sabiex jissustanzja l-allegazzjonijiet li ghamel fuq persuna f'senior position fis-socjeta. Tenut kont tal-fatti is-socjeta ma kellix triq ohra hlief li tittermina l-impieg tar-rikorrent.

**L-Avv Abigail Critien** ghar-rikorrent sostniet li ir-rikorrent tkecca l-ghaliex hu qal il-verita u spjegat li ll-allegazzjonijiet tas-serq mis-socjeta ma kienux saru biss fil-konfront ta' Ismael izda anke fil-konfront ta'Manwel Bartolo. Hi irribatiet li l-ghemil tar-rikorrent bl-ebda mod ma kien xi wiehed ta' vendetta, anzi tirritjeni li ir-rikorrent kien ghamel hekk b'sens ta' dover.

L-Avv Abigail Critien kompliet tispjega li ir-rikorrent tant kien jemmen li qieghed isir is-serq illi ha ir-riskju li ghamel affidavit, u li kellu anness mieghu dokument iffirmat ukoll minn numri ta' impjegati ohra, anke meta kien jaf li diga kellu final warning. Waqt il-process ix-xhieda taghhom dawn l-impjegati ikkontradixxew dak li kienu qalu u iffirmaw ghalih qabel .

L-Avv. A. Critien spjegat li l-affidavit gie mitlub lir-rikorrent mis-socjeta intimata fir-rigward ta' l-allegazjonijiet li saru fuq Ismael , izda ma intalabax jaghmel l-istess fuq Manuel Bartolo.

L-Avv. A.Critien irreferiet ghax-xhieda tal-General Manager David Woodward fejn hu kien xehed li ic-Chef, Ismael kien gie itterminat l-impieg tieghu minhabba performance, fejn issemma ukoll kwistjonijiet tar-rostering.

L-Avv. A. Critien ikkonkludiet it-trattazzjoni taghha billi tenniet li filwaqt li s-socjeta intimata ghamlet investigazzjoni dwar l-allegazzjonijiet li kien ghamel ir-rikorrent, dawn ma kienux bizzejjed u li il-fatt li ir-rizultat ta' l-investigazzjoni li saret ma wasslux ghall certu affarijiet, ma kellux ikun ir-rikorrent li jbati il-konsegwenzi.

**Kunsiderazzjoni tat-Tribunal:**

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjoni tar-rikorrent tat 28 ta' Novembru 2012, li kienet tindirizza is-serq mis-socjeta u li il-persuna li allegatament kienet qieghda tisraq kien ic- Chef Ismael Sammut.

It-Tribunal, mix-xhieda, fehem b'konvinzjoni li ir-rikorrent kien gie imwissi mis-socjeta ntimata bir-responsabilita ghall dawk l-allegazzjonijiet serji li kien qieghed jaghmel fuq superjur tieghu u cjoe fuq ic-Chef Ismael Sammut. Tali twissija kienet saritlu qabel ma huwa kien ser jikkonferma dawn l-allegazzjonijiet b'affidavit. Dan sar quddiem Il-General manager flimkien mar-rapprezentant tal-Union tar-rikorrent (Kevin Camilleri).

It-Tribunal innota ukoll li fix-xhieda tar-rikorrent intweriet tahlita ta'argumenti fejn minn naha inghad li hu hass id-dover li jara li is-socjeta intimata ma tigix misruqa, mill-banda l-ohra jargumenta li ic-

Chef riferut f'allegat serq, kien jaghti lilhu (rikorrent) trattament differenti fuq il-post tax-xoghol, li dan wassal li ir-relazzjoni ta' bejnithom ma kienet xejn pjacevoli.
It-Tribunal jifhem sew li dawn iz-zewg temi huma totalment differenti u li ma ghandhom l-ebda rilevanza wiehed ma l-iehor f'dan il-kaz.
It-Tribunal ikkonferma li wara li l-allegazzjonijiet gew ikkonfermati permezz ta' affidavit li sar minn naha tar-rikorrent, is-socjeta intimata, permezz tal-manager taghha spjegat li bl-evidenza li kien qieghed jipprezenta ir-rikorrent huma kienu ser jiehdu il-passi necessarji, kif ukoll spejgat tajjeb lil l-istess rikorrent li kemm il-darba ma jigix ippruvat li dan l-allegat serq fil-fatt sehh, is-socjeta intimata jkolla tiehu passi kontra tieghu, madanakollu,ir-rikorrent kompla jinsisti fuq l-allegazzjonijiet.
Is-socjeta intimata minn investigazzjoni nterna li ghamlet irrizultalha li impjegati ma' ikkonfermawx dikjarazzjonijiet bil-miktub li r-rikorrent kien gaghlhom jiffirmaw aktar qabel. Fid-dawl ta' dan is-socjeta intimata ma kellix triq ohra hlief li tiehu passi dixxiplinarji kontra ir-rikorrent kif kienet wissithu qabel li ser taghmel jekk dak li kien qieghed jghid fuq is-superjur tieghu ma' jigux ippruvat.

Il-fattur principali li fuqu kien mibni l-argument ewlieni tar-rikorrent u cjoe li l-licenzjament tieghu kien ingust, kien, li galadarba c-Chef tkecca mix-xoghol u dan 'a bazi' tal-allegazzjonijiet ta' serq li kien ghamel fuqu hu, huwa ma setax jinstab hati li ghamel allegazzjoni falza.
Dan l-argument ma' giex korraborat bl-ebda fatt waqt il-process ta' dan kaz, di piu hargu fatti li jsostnu li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta dan ic-Chef appuntu ma' saritx minhabba serq. ( Xhieda ta' M. Woodward Gen Manager, kif ukoll ittra tat-terminazzjoni ta' l-impieg tac-chef kif prezentata "Anima ritirandi" mis-socjeta intimata.

Kien obbligu tas-socjeta li tipprotegi lilha inifisha b'kull pass necessarju fic-cirkostanzi, meta impjegat, kien qed jixli superjur tieghu b'serq ghad-dannu tas-socjeta u meta tali superjur mhux biss kien responsabbli li ma'jwettaqx tali reat, izda li jara li dan ma jsirx.

Is-socjeta, wara li ghamlet l-investigazzjonijiet taghha u irrizultalha li tali akkuzi li kien qed jaghmel r-rikorrent irrizultaw infondati, ma setghetx taccetta li dan l-impjegat ma jerfax responsabilta taghhom. (Vide Selwyn : Paul v East Surrey District Health Authority P473. 17.122)

It-Tribunal ra u fehem li ir-rikorrent, waqt il-proceduri dixxiplinari fil-konfront tieghu, nghata smiegh xieraq b' assistenza tal-ghazla tieghu bhala difiza waqt is-smiegh. Dan 'in konformita' mal-proceduri ta' dixxiplina kif maqbula bejn is-socjeta intimata u l-Union li tirraprezenta lir-rikorrent. ( Sed 14/01/2015 Kevin Camilleri).

Fid-decizjoni taghha li r-rikorrent jigi licenzjat, is-Socjeta mhux biss qieset l-allegazzjoni fiergha li r-rikorrent ghamel fir-rigward ta' superjur tieghu ,izda ukoll, ta' warnings, inkluz wiehed finali li kienu gew mghotija lir-rikorrent, qabel dan il-kaz.

## 8. Id-deċiżjoni:

It-Tribunal Industrijali wara li sema' u evalwa x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, u fela' d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa inkunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, jaqta u jiddeciedi li it-tkeccija tar-rikorrent kienet wahda ghar-raguni gusta bizzejjed u skond il-ligi.

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal 1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 euro u 17-il ċenteżmu.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

(iffirmat)

James Pearsall

Chairman